**109. Il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni l-Onor Censu Galea MP jipproponi:**

Billi fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Kap 232) hemm maħsub illi jekk il-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili jkun sodisfatt li kumpannija iffurmata Malta biex tipprovdi servizz ta' trasport bl-ajru jew biex tagħmel xi xorta oħra ta' attività li għandha x'taqsam ma' l-avjazzjoni ċivili, jew biex tagħmel it-tnejn, tkun ingħatat jew tkun ser tingħata liċenzja għal servizz bl-ajru u tista' jew xort' oħra tkun tista' tipprovdi dawk is-servizzi jew tagħmel dik l-attività, u jekk il-Ministru jkun awtorizzat għalhekk b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, hu jista' f'isem il-Gvern ta' Malta jakkwista jew jissottoskrivi għal, jew jawtorizza l-akkwist ta' jew is-sottoskrizzjoni għal, dak in-numru ta' azzjonijiet ta' dik il-kumpannija, jew obbligazzjonijiet tagħha, jew dawk l-azzjonijiet u l-obbligazzjonijiet flimkien, kif jidhirlu xieraq, u jista' għal kull wieħed mill-imsemmija skopijiet jiffirma jew jawtorizza l-iffirmar ta' kull kuntratt jew ftehim ieħor;

Billi l-kumpannija "Air Malta p.l.c." għandha liċenzja biex tipprovdi servizz ta' trasport bl-ajru u biex tagħmel xorta oħra ta' attività li għandha x'taqsam ma' l-avjazzjoni ċivili u tista' u qiegħda tipprovdi dak is-servizz u twettaq dik l-attività fit-termini ta' l-imsemmi Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Kap 232);

U billi l-kumpannija "Air Malta p.l.c." se toħroġ għall-akkwist numru ta' azzjonijiet mill-kapital awtorizzat tagħha li għadu ma ġiex offrut għall-akkwist mill-azzjonisti liema kapital awtorizzat jammonta b'kollox għal tletin miljun lira Maltin (Lm30,000,000);

U billi mill-ishma fuq imsemmija sitt miljun, sebgħa u sittin elf u erba' mija u tmienja u sebgħin (6,067,478) sehem se jiġu offruti lill-Gvern ta' Malta għal korrispettiv li m'huwiex wieħed ta' flus iżda jikkonsisti f'konċessjoni enfitewtika ta' art f'Ħal-Luqa u f'Pembroke deskritta aktar ‘l-isfel f'din ir-riżoluzzjoni u fl-ammont ta' Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti relattiv;

U billi l-Ministru għat-Trasport u Kommunikazzjoni bħala Ministru responsabbli mill-avjazzjoni ċivili jikonsidra illi huwa fl-interess tal-Gvern ta' Malta illi mill-ishma fuq imsemmija jakkwista dawk is-sitt miljun seba' u sittin elf u erba' mija u tmienja u sebgħin (6,067,478) ishma ordinarji ta' valur nominali ta' lira Maltija (Lm1) kull wieħed b'dan illi l-istess ishma għandhom ikunu imħallsa fit-totalita' tagħhom ma' l-akkwist liema akkwist għandu jsir bi *premium* ta' tliet liri Maltin (Lm3) dwar kull sehem ordinarju;

U billi l-Ministru għat-Trasport u Kommunikazzjoni bħala Ministru responsabbli mill-avjazzjoni ċivili jikkonsidra wkoll illi huwa fl-interess tal-Gvern ta' Malta illi l-akkwist ta' l-imsemmija ishma isir bħala korrispettiv għall-għoti da parti tal-Gvern ta' Malta lill-kumpannija "Air Malta p.l.c." ta' konċessjoni enfitewtika temporanja għal perijodu ta' tlieta u sittin (63) sena li tagħlaq fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u seba' u sittin, ta' proprjeta immobbli f'Ħal-Luqa u f'Pembroke ta' kejl superfiċjali ta' mija u ħamsa u sebgħin elf, erba' mija u għaxar metri kwadri (175,410 mk) u ta' valur ta' tnejn u għoxrin miljun u tmien mija u disgħin elf lira Maltija (Lm22,890,000), liema konċessjoni enfitewtika tifforma l-meritu ta' Riżoluzzjoni oħra imressqa kontestwalment quddiem il-Kamra tad-Deputati mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern bħala Ministru responsabbli għall-artijiet tal-Gvern skond l-Att dwar it-Traferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268), kif ukoll bi ħlas tat-Taxxa fuq id-Dokumenti u t-Trasferimenti pagabbli lill-Gvern ta' Malta skond l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364) fuq l-istess konċessjoni enfitewtika liema taxxa hija

ammontanti għal miljun, tliet mija u disgħa u sebgħin elf, disa' mija u tnax-il lira Maltija (Lm1,379,912);

U billi l-kumpannija "Air Malta p.l.c." se toffri wkoll ishma ordinarji oħra versu pagament fi flus lill-azzjonisti preżenti tagħha bl-iskop prinċipali illi l-azzjonisti minoritarji ta' dik il-kumpannija jingħataw l-opportunità illi jżommu s-saħħa illi huma għandhom preżentement fil-kumpannija in kwantu għall-persentaġġ totali ta' ishma;

U billi l-Ministru għat-Trasport u Kommunikazzjoni bħala Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili jidhirlu xieraq li, jekk jiġi hekk awtorizzat b'riżoluzzjoni tal-Kamra, jissottoskrivi u jakkwista jew jawtorizza s-sottoskrizzjoni u l-akkwist f'isem il-Gvern ta' Malta ta' sitt miljun, sebgħa u sittin elf u erba' mija u tmienja u sebgħin (6,067,478) ishma ordinarji fil-kumpannija "Air Malta p.l.c.", liema ishma huma ta' valur nominali ta' lira Maltija (Lm1) kull wieħed u liema ishma għandhom ikunu imħallsa fit-totalità tagħhom ma' l-akkwist u liema akkwist għandu jsir bi *premium* ta' tliet liri Maltin (Lm3) dwar kull sehem, u dan bħala korrispettiv għall-konċessjoni enfitewtika temporanja u għat-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti relattiva imsemmija aktar ‘il-fuq f'din ir-Riżoluzzjoni, u li jiffirma jew jawtorizza l-iffirmar ta' kull kuntratt jew ftehim ieħor għal dan l-iskop;

Għalhekk qiegħed jiġi b'din riżolut għall-iskop tas-subartikolu (2) ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Kap 232) illi l-Ministru għat-Trasport u Kommunikazzjoni bħala l-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili huwa awtorizzat li jissottoskrivi u jakkwista jew jawtorizza s-sottoskrizzjoni u l-akkwist f'isem il-Gvern ta' Malta ta' sitt miljun, sebgħa u sittin elf, erba' mija u tmienja u sebgħin (6,067,478) sehem ordinarju fil-kumpannija "Air Malta p.l.c." bħala korrispettiv għall-konċessjoni enfitewtika u għat-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti relattiva kif imsemmi f'din ir-riżoluzzjoni u li jiffirma jew jawtorizza l-iffirmar ta' kull kuntratt jew ftehim ieħor għal dan l-iskop.

10.03.04